A.L. 86 ta' l-1995

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161) BDIL TA' *STOCK*

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' Lm10,000,000 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995 (IX) f'Lm10,000,000 6.5 % *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2000 (III)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm10,000,000 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995 (IX) li għandu jitħallas lura bejn l-1 ta' Jannar, 1995 u l-31 ta' Diċembru, 1995, jista' jinbidel fi *Stock* Reġistrat li joħroġ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 4(1)(a),31(b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza, il-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Lm10,000,000 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995 (IX) għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2000 (III) bis- 6.5 % kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-*iStock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jifthu t-Tnejn, 26 ta' Ġunju, 1995 fit-8.30a.m. u jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar is-Sibt it-8 ta' Lulju, 1995 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Policy dwar l-għoti ta' l-i*Stock*.

2. L-Għoti ta' l-i*Stock* jingħata lil min japplika l-ewwel, iżda tingħata preferenza lill-applikanti li m'humiex istituzzjonijiet bankarji.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

3. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm10,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

5. Mid-data ta' bdil, il-bilanċ li jkun jinsab fil-kreditu tal-Fond tal-Ammortizzament 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995 (IX) jiġi trasferit għall-Fond tal-Ammortizzament 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2000 (III). Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm100,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament sabiex jinfeda l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1996.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.25 għall kull Lm100 *Stock* għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fl-10 ta' Ġunju u fl-10 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro-rata relattiv għall-perjodu mid-9 ta' Lulju , 1995 sa l-10 ta' Diċembru, 1995 għandu jsir fl-10 ta' Diċembru,1995.

Fidwa ta' *Stock*.

7. L-i*Stock* jinfeda b'parità fl-10 ta' Ġunju, 2000.